**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 1-14

**Data: 11 ta' Jannar** 2014

**Hin:** 10.30a.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier
Maria Sultana – Kunsilliera
Carl Mifsud- Ambaxxatur tal-Vot16 ghall-Kalkara

**Minuti** :

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

Il-Minuti gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hi stiednet lis-Sur Mark Causon sabiex jitkellem mal-Kunsill dwar applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea li l-Kunsill jista japplika ghalihom. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsilliera li din l-istedina u t-tahdita ma kienetx parti mill-Agenda tas-Seduta, imma l-Kunsill iddecieda li jiehu sehem f'din it-tahdita.

1.1 Is-Sur Causon tkellem dwar il-programm Med EU li jinvolvi fondi ghal progetti ghar-ricerka jew studju. Huwa issuggerixxa lill-Kunsill sabiex jissottometti progett ghat-Trasport Urban u Marittimu. Dan ikun ideali peress li l-lokalita tal-Kalkara hija lokalita mal-bahar, il-Kunsill ikun jista jahdem fuq studju dwar kif jista jitnaqqas it-tniggis tal-arja billi jizdied it-trasport bil-bahar.

Dan il-fond ikopri hlasijiet ghall-konferenzi kemm lokali kif ukoll anke ghal barra minn Malta. Dan huwa fond li jista jkopri l-formolazzjoni tal-infrasstruttura jew materjal bzonnjuz imma mhux l-implimentazzjoni.

Dan il-pjan/studju isir fuq sentejn u l-Kunsill ikun bhala partner fil-progett. Il-Kunsill jinghata 75% mill-Budget u l-kumplament jintalab mill-kofinanzjament.

Il-Kunsilliera qablu li jidhlu ghal dan il-progett. Is-Sur Causon semma wkoll l-Erasmus u progetti ohra li se johorgu dalwaqt, jistghu ikunu wkoll ta' nteress ghall-Kunsill Lokali tal-kalkara. L-Kunsill iddecieda li jerga jiltaqa fl-laqgha separata fuq dan is-sugget peress li din is-sezzjoni ta' nformazzjoni hadet aktar minn siegha mill-hin allokat ghas-seduta.

2. **<u>Punti Mqajjma mill-Minuti.</u>**

2.1 Dwar punt numru 2.4 mill-minuti precedenti is-Sindku qalet li is-sinjali ta' mal-art fejn il-Klabb tat-Tennis ser isiru il-gimgha li gejja peress li hafna haddiema kienu bil-leave tal-Milied.

2.2 Dwar punt numru 2.5 tal-minuti precedenti il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li l-Kunsill ghandu jiddiskuti mal-Kumpannija GreenPak dwar xi proposti ta' attivitajiet li jistghu isiru sabiex jghallmu lir-residenti dwar riciklar ta' skart. Hija talbet sabiex issir laqgha mal-kumpannija u l-Kunsill. Il-Vici Sindku Christopher Bruno qal li ghandhom jitwahhlu stickers mal-iskips sabiex jghallmu lin-nies ikunu aktar konxji dwar l-indafa.

2.3 Dwar punt numru 2.6 tal-minuti precedenti imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-hasil taht u madwar l-iskips, is-Sindku qalet li ghandha tibqa tingibed l-attenzjoni lill-Kuntrattur sakemm il-problema tissolva.

2.4 Dwar punt numru 2.7, imqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana dwar il-bankina fejn iz-zebra cross tax-Xatt, is-Sindku qalet li ser issir fi zmien qasir.

2.5 Dwar punt numru 2.10, imqajjem mill-Kunsillier Paul Bongailas dwar il-laqgha mitluba minnu mac-Chairman tal-MCST u l-Kappillan il-gdid, is-Sindku qalet li din ser tintbghat dalwaqt. Dwar l-ghajnuna li talab il-Kappillan sabiex il-kunsill jghinu jnehhi l-hamrija li hemm mal-genb tad-dar tieghu minhabba li qed tikkawza umdita, is-Sindku qalet li l-Kunsill m'ghandux haddiema bizzejjed biex jaghmel dan ix-xoghol, pero' l-Kunsill qabel li jghinu xorta billi jixtri l-materjal li jkollu bzonn.

2.6 Dwar punt numru 2.11, mill-minuti precedenti dwar is-sewqan tad-dghajjes bil-mutur fil-Bajja ta' Rnella. Il-Kunsilliera iddiskutew u qablu li johorgu l-permess relatat ma' din l-attivita' nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha mid-09.00 ta' filghodu sa nofsinhar.

2.7 Dwar punt numru 3.5 mill-minuti precedenti dwar l-applikazzjoni ghall-Kunsill taz-Zghazagh, il-Vici Sindku qal li kien hemm tlett zghazagh li kienu interessati ghal dan il-Kunsill. Peress li l-ammont ma jilhaqx il-hamsa u l-ammont m'huwiex bizzejjed sabiex jitwaqqaf Kunsill fil-Lokalita bi tlieta biss, dawn ser jaghmlu parti minn Kunsill iehor.

2.8 Dwar punt numru 3.6 mill-minuti precedenti, il-Kunsillier Vince Bongailas rega staqsa lis-Sindku meta ser jibda il-progett tad-dawl fi Triq l-Isptar Navali. Wara diskussjoni intensa dwar it-tender ghall-manutenzjoni ta' dwal fil-lokalita li ghandha tohrog fiz-zmien li gej, gie deciz li l-ewwel isir il-progett ta' Triq l-Isptar Navali u wara jitkompla dak ta' Triq Patri Mattew Sultana. Dan minhabba li bhala progett, l-ewwel wiehed huwa izghar mit-tieni u ikun jikkumplimenta l-progett li diga sar fl-akwati.

2.9 Dwar punt numru 4.2a mill-punti precedenti mqajjem mill-Kunsilliera Maria Sultana, is-Sindku qalet li l-pot ta' Triq Santa Filumena tnehhiet filwaqt li dwar il-punt numru 4.2b, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hija qed tikkorrispondi mal-WSC ghall-investigazzjoni taghhom.

2.10 Dwar punt numru 6.3 mill- minuti precedenti, dwar ilment li l-Isqaq Marina li sar bil-Pavimentar ricenti tal-Lava, huwa skur wisq u qed ikun ta' periklu ghal persuna nieqsa mid-dawl li taghmel uzu minn dan l-isqaq. Is-Sindku qalet li ghad trid tinkiteb l-ittra ghal-gwida dwar x'soluzzjoni jista jkun hemm ghal din il-problema.

2.11 Dwar punt numru 7 mill-minuti precedenti Jum il-Kalkara, is-Sindku qalet li kien hemm ilmenti li xi nies ma rcevewx l-inviti. Il-Kunsill qabel li s-sena d-diehla l-inviti jintbghatu kollha bil-posta. Il-Kunsillier Pawlu Bongailas qal li fl-attivita' tat-tfal tal-iskola, meta tittella l-bandiera tal-Kunsill, ghandu jitkanta l-Innu tal-Kalkara u mhux l-Innu Malti, peress li l-attivita' hija wahda lokali u mhux nazzjonali. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Pawlu Bongailas. Is-Sur Bongailas sahaq ukoll li s-sena d-diehla kull Kunsillier ghandu jaghti is-sehem tieghu ghall-organizzazzjoni tal-attivitajiet kollha. Dan ghaliex mhuwiex sew li x-xoghol jaqa fuq persuna wahda meta din hija attivita' organizzata mill-Kunsill kollu.

Il-Kunsilliera Maria Sultana giet skuzata minhabba mpenji ohra.

3. **<u>Komunikat mis-Sindku</u>**

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop qalet li fiz-zmien li gej ser jibda dan ix-xoghol:
a. Il-bankina tal-kantuniera ta' fejn il-Gnien tas-Salvatur u l-faccata.
b. Il-bankina taz-zebra cross tax-Xatt.
c. Parti minn bankina ta' Triq is-Salvatur
d. Issir rampa f'parti mill-bankina tan-nizla ta' Triq is-Salvatur

3.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li naqsu xi haddiema li kienu assenjati mal-Kunsill. Hija qalet li l-kumpannija IPSL baghtu haddiema li ser jaghmlu x-xoghol fil-hitan tar-Rinella Housing Estate.

3.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-gimgha li gejja l-Kunsill se jinghata aktar xitel li ser jithawwel fir-roundabouts u fil-pots imqassma mal-lokal.

3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li se torganizza Harga ghall-Anzjani u l-Familja u ser izuru l-Aquarium.

3.5 Is-Sindku s-Sinjura Chircop irceviet talba ghal mera fi Triq Santu Rokku minhabba li xi residenti qed isibu ostaklu biex jidhlu u johorgu mill-garaxxijiet taghhom.

3.6 Irceviet talba sabiex isir Railing fit-tarag li hemm fejn triq iz-Zebbug,

3.7 Talba sabiex jerghu jsiru s-sinjali tal-parkegg fi triq l-Isptar Navali.

4. **Mistoqsijiet u Punti Mqajjma mill-Kunsillieri**

4.1 Il-Kunsillier Paul Bongailas ressaq dan li gej:

a. Huwa fakkar dwar il-mera li kellha titwahhal fi Triq il-Barklor.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Bongailas ressaq dawn il-punti bil-kitba:

a. Staqsa jekk il-Kunsill ghandux access jaghmel tlett gradi zghar fil-gnien iz-zghir li hemm fit-tarf ta' Triq is-Salvatur. Dan sabiex jigi evitat incident iehor peress li hemm jilghabu t-tfal. meta ser isir id-dawl ta' Triq l-Isptar Navali.
b. Tinghata ghajnuna lill-flats li ghadhom ma rrangawx il-komun.
c. Huwa sahaq li din is-sena l-Kunsill irid isib soluzzjoni ghat-tnehhija tad-dghajjes mit-toroq. Mhux sew li dawn id-dghajjes jiehdu post il-parkings tal-karozzi.
d. Tigi nfurzata l-ligi ghal min jonxor barra, bhal ma ghamlu Kunsilli Lokali ohra barra minn Malta, sabiex l-ambjent jibqa sabih ghar-residenti tal-lokal u anke ghal dawk it-turisti li jigu jzuru l-lokal taghna.
e. Staqsa jekk hux ser jinghataw fondi lill kull Kunsillier sabiex ikun jista jhaddem sew id-dekasteru tieghu jew taghha.
**f.** Talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jitnaddaf it-tennis ground (l-antik) sabiex ikun jista jintuza ghal attivitajiet sportivi.
**g.** Tintbghat ittra lil Transport Malta ghal gwida jekk jistax isir parkegg quddiem garaxx kummercjali.

L-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Carl Mifsud ghadda din l-informazzjoni.
Huwa nforma lill-Kunsill li mar laqgha ghall-gruppi taz-zghazagh organizzata mill-Agenzija Zghazagh u is-Segretarju Parlamentari ghaz-Zghazagh dwar fondi li jistghu jingiebu mill-Unjoni Ewropeja relatati mal-ghaqdiet li huma maghmula minn Zghazagh. Il-Kunsill iddecieda li jhalli lil Carl Mifsud jiehu hsieb jinforma lill-ghaqdiet kollha b'din l-inizjattiva.

5. **Approvazzjoni ta' skeda ta' Pagamenti.**

Giet approvata l-lista ta' pagamenti u nfieq tal-Kunsill .

6. **Korrispondenza**

6.1 Ittra minghand individwu dwar hsara fil-karozza tieghu.

Intbghatet ittra minghand individwu fejn qieghed jitlob lill-Kunsill sabiex ihallas il-hsarat li sofra fiz-zewg tyres tal-karozza tieghu minhabba hofra li kien hemm fi Triq il-Kapuccini. Il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza mibghuta mill-persuna u iddecieda dan li gej:

a. M'hemmx biz-zejjed provi ta' ritratti li juru li t-tyre tal-karozza inqasam fuq il-post.
b. Ir-rapport lill-Pulizija ma sarx immedjatament hekk kif gara l-incident.
c. Il-Kunsill ghandu bzonn aktar provi li din il-hsara saret fil-post imsemmi.

7. **Hrug ta' Tenders**

Fiz-zmien li gej ghandha tithejja is-sejha ghall-offerti ta' dawn li gejjin:

a. Ghall-manutenzjoni u tiswija tad-dwal fit-toroq,
b. Ghas-servizz ta' Perit,
c. Ghal gabra ta' skart imhallat bieb bieb.

8. **Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

Il-Kunsill Lokali b'vot unanimu qabel li jimxi skond ir-rizultat li hareg mill-intervisti li saru lil dawk l-applikanti eligibbli ghall-Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv. B'hekk il-Kunsill qieghed japprova li tinhatar bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Kalkara Ms Elaine Caruana li giet l-ewwel fil-lista.

9. **Aggornament**

Is-Seduta ntemmet fis-2.30 ta' wara nofsinhar u aggornata ghall-31 ta' Jannar 2014 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Speranza Chircop | Sharon Galea Iriele |
| Sindku | Agent Seg Ezekuttiv |